***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edingurgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-kontinwazzjoni tal-mitejn u ħamsa u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. <u>Preżenti</u>

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Dr.J. Abela kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba safar filwaqt li s-Sinjura C.Borg talbet li tiġi skużata mill-laqgħa minħabba mard.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk Dr.J.Abela u s-Sinjura C.Borg ġew skużati mill-laqgħa.

## 2. <u>Talba</u>

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. <u>Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – Jannar sa Diċembru 2010</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2010. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament l-istess Rapport Amministrattiv.

## 4. Festa San Gejtanu

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Pulizija għamlet żewġ laqgħat fil-bini tal-Kunsill Lokali għas-sidien tal-Bars, tal-Każini u anke għas-sidien tal-ħwienet fil-Ħamrun li jbiegħu x-xorb. Dawn saru sabiex ġie spjegat l-Avviż Legali ġdid li jirregola l-bejgħ ta' xorb alkoħoliku. Ġie spjegat li xorb alkoħoliku barra jrid jinbiegħ ġewwa tazza tal-plastik bijodegradabli jew kartun.

- Is-Sindku spjega li ġew osservati l-proċeduri stabbiliti fl-Avviż Legali 119 tal-2001 biex tneħħew il-*moble kiosks* li jservu l-ikel fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn Pjazza San Pawl lejn il-Blata l-Bajda.

- Ġie deċiż li n-numri tal-*mobile kiosks* jinżebgħu mill-kumpanija Koptasin filwaqt li ser jittieħdu miżuri biex bħas-soltu jsir it-tindif neċessarju waqt il-jiem tal-festa kif ukoll jiżdied il-ħin tal-ftuħ tal-Latrini Pubbliċi.

## 5. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku u s-Sur A.Ellul daħħlu għal-laqgħa.

*5.1 Ġbir ta' skart imħallat*

Il-Kunsill iddeċieda li l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni biex ma jinġabarx skart imħallat nhar ta' Tlieta filwaqt li ssir ġabra oħra tal-kartun u l-karti s-Sibt filgħodu tiġi posposta għax-xhur tax-xitwa.

*5.2 Chocolate Festival*

Ġie deċiż li nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju fis-6.00pm ssir laqgħa bejn il-Kunsill u s-Sur Andrew Farrugia u s-Sur Mario Camilleri rigward ic-Chocolate Festival 2011. Ġie deċiż ukoll li din it-tema titpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

*5.3 Traffic Mirror fi Triq Joe Abela Scolaro*

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva talba sabiex issir Traffic Mirror fi Triq Joe Abela Scolaro kantuniera ma' Triq is-Sewwieqa. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.4 Knis fil-Ħamrun*

Dr P. Mifsud Bonnici ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward nuqqas ta' knis fi Triq Ġuże' Maria Camilleri. Ġie deċiż li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur f'dan ir-rigward.

*5.5 Servizz ta' Bulky Refuse*

Il-Viċi Sindku spjega lill-Kunsill li l-attitudni tal-kuntratttur tal-*Bulky Refuse* mhux aċċetabbli. Dan għandu jiġi avżat biex jiġbor dak kollu li jkollu fuq il-lista tal-ġbir.

*5.6 Latrina Pubblika fi Triq id-Duka ta' Edinburgh*

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward l-istat diżastruż tal-Latrina Pubblika ta' Persuni bi bżonnijiet Speċjali fi Triq id-Duka ta' Edinburgh. Ġie deċiż li l-kuntrattur jintalab jagħmel it-tiswijiet neċessarji. Sadanittant qed isiru preparamenti biex jinħareġ kuntratt ġdid.

*5.7 Bozza tteptep*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward bozza tteptep fi Triq Vitale kantuniera ma' Triq Pawlu Burlo'.

*5.8 Ġnien Oreste Kirkop*

Il-Kunsill iddeċieda li jikkundanna l-vandaliżmu fi Ġnien Oreste Kirkop fil-fuljett li jmiss.

*5.9 Qsari fuq Bankini*

Is-Sur C. Valletta staqsa jekk il-Kunsill kienx ser ibiddel qsari fuq bankini li jkunu tkissru. Minħabba r-regolamenti tal-wisa' tal-bankini, ġie deċiż li dawn ma jerġgħux jitwaħħlu.

*5.10 Skart fi Triq Qormi*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill dwar ilmenti li rċieva mingħand is-Sinjura Louise Farrugia rigward ħruġ ta'ħafna skart barra qabel il-ħin tal-ġbir minn stabbiliment tal-ikel fi Triq Qormi. Dan kien qed joħloq inkonvenjent kbir. Huwa spjega li s-Sinjura Farrugia talbitu sabiex jinforma lis-Sindku li xtaqgħet tkelmu. Meta hu qal lis-Sindku b'dan, is-Sindku qallu biex jgħidilha li bħalissa kien l-Għadira u għalhekk ma setax jiltaqa' magħha. Is-Sur C. Valleta spjega li kien wassal dan il-messaġġ.

Is-Sindku spjega li madwar xhar ilu kien iltaqa' mas-Sinjura Farrugia fejn din qaltlu li ma kellux għalfejn jaqra l-ġurnal il-Mument għaliex huwa ħlief aħmar ma jarax. Huwa kien qalilha li m'għandix xi tgħid. Huwa spjega li kien għalhekk li qal lis-Sur C. Valletta li ma setax jiltaqa' magħha. Minkejja dan is-Sindku spjega li kien ser ikellem lis-sid il-ħanut konċernat dwar il-ħruġ ta' skart.

*5.11 Customer Care*

Is-Sur M. Caruana ssuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa' mal-istaff tal-Kunsill biex jiddiskuti l-problemi li jiltaqgħu magħhom relatati mal-pubbliku. Ġie deċiż li kull problema amministrattiva għandha tiġi ndirizzata mis-Segretarju Eżekuttiv.

*5.12 Kuntratt għat-tħaddim tal-parkeġġ*

Ġie deċiż li din-it-tema titpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 6. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm.

________________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
DATA